**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 68 – Il-ĠIMGĦA, 3 TA’ ĠUNJU 2016 FIL-11.15AM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni tal-Audit Adjustments u Financial Statements.

1.1 Kien hemm diskussjoni fuq l-Audit Adjustments imressqa mill-awdituri tal-Kunsill u l-Financial Statements li jirriflettu dawn l-adjustments. Ġie innutat li għas-sena 2015, kien hemm surplus fejn il-Kunsill huwa f'pożizzjoni finanzjarja aħjar. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-financial statements. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Attivitajiet Jum San Ġwann.

2.1 Kien hemm diskussjoni rigward Mertu San Ġwann. Ġie innutat il-profil tas-Sur Raymond Colombo. Is-Sinjura Marica Bayliss irrimarkat li ma jikkwalifikax skont prassi li mexa dejjem fuqu l-Kunsill. Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li s-Sur Raymond Colombo jiġi mogħti l-Mertu San Ġwann. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm 2 favur u 3 astensjoni.

2.1 Kien hemm diskussjoni fuq l-attivitajiet għal Jum San Ġwann. Ġie deċiż li l-attivitajiet ikunu fit-18 ta' Ġunju ftuħ tad-Dog Park u tberik tal-Pets. Fid-19 ta' Ġunju ser ikun hemm sfilata u tberik taż-żwiemel. Fit-23 ta‘ Ġunju ser ikun hemm il-quddiesa, għotja ta' Mertu San Ġwann u l-ħruq tal-ħuġġieġa. Fis-26 ta' Ġunju ser ikun hemm il-Car Show bil-parteċipazzjoni tas-Sedqa. Kien hemm qbil unanimu fuq dan il-programm. Għandu jiġi kkomunikat dan il-programm flimkien ma‘ lista tal-ispejjeż għal kull attività.

## 3 Pagamenti Numru 59

3.1 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Għeluq il-Laqgħa

4.1 Il-laqgħa spiċċat fl-11.45am. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |